MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2797/2002

**Lombard Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Mario Scicluna**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Novembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u sebgha u hamsin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm357.33), u fejn intqal illi l-bank attur ikkonceda facilita' ta' "Mastercard" lill-konvenut u in forza ta' din il-facilita', Lombard Bank Malta p.l.c. jinsab kreditur tal-konvenut fis-somma ta' tlett mija u sebgha u hamsin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm357.33) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fl-istess facilita' ta' "Mastercard" skond statement anness mal-avviz u mmarkat Dok.A bl-interessi kkalkolati sat-23**

**ta' Ottubru, 2002 oltre l-imghaxijiet ulterjuri mil-24 ta' Ottubru, 2002 sad-data tal-pagament effettiv;**
**Illi l-konvenut ghalkemm imterpellat anke ufficjalment sabiex ihallas dan l-ammont, baqa' nadempjenti;**
**Ghalhekk qieghda ssir din il-kawza sabiex il-konvenut jigi kkundannat jhallas 'l hawn fuq imsemmi ammont ta' tlett mija u sebgha u hamsin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm357.33) lill-Bank attur, oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-24 t'Ottubru, 2002 sad-data tal-pagament effettiv;**
**Bl-ispejjez kollha, inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tat-2 t'Awissu, 2002, u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma din il-kawza u bl-imghax legali mill-24 t'Ottubru, 2002 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Alexander Cutajar, Manager mas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u sebgha u hamsin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm357.33), bl-imghaxijiet ulterjuri mill-24 t'Ottubru, 2002 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez, inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tat-2 t'Awissu, 2002, u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma din il-kawza ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**---------------------------------TMIEM---------------------------------**